**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 40

**It-Tlieta, 3 t' Awwissu, 2021.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tal-viċi Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-ħamsa ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku (ċerman) |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Carlo Stivala (CS) | Kunsillier (onlajn) |
| Is-Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

NIL

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sa Doreen Mintoff – Accountant tal-Kunsill

Il-viċi Sindku,  ippresjeda.

## Minuti

## 40.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

40.01.01 NIL

Il-kunsillier (DP) għarfet lis-(SE) li ser tkun qed tasal ftit tard. (DP) ingħaqdet fis-sitta ta' filgħaxija, minħabba raġunijiet ta' xogħol.

## 40.02 Approvazzjoni tal-Minuti (39)

40.02.01 Inġibdet l-attenzjoni minn (DP) li f' para 39.01.01, għandha tinkiteb spjegazzjoni, li daħlet tard għas-seduta, minħabba raġunijiet ta' xogħol, kif ukoll, f'para. 39.11.18, l-ewwel vers, għandu jkun jinqara: (DP) pproponiet li ssir zebra crossing, quddiem, il-każin tal-Labour.

40.02.02 Inġibdet l-attenzjoni wkoll mill-viċi, li f'para. 39.11.16, vers qabel tal-aħħar, irid jinbidel u jaqra: Il-Kunsill oġġezzjonaw, kif ukoll f'para. 39.14.01, fl-aħħar vers jiżdied: dawl, facebook live, u set-up.

<u>Prop: (SZ)</u>  <u>Sek: (JB)</u>

## 40.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

40.03.01 (SE) ippreżentat kopja tal-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash. Il-Kunsill ma sab l-ebda diffikultà u approva kemm l-iskeda tal-pagamenti, kif ukoll tal-petty cash.

<u>Prop: (SZ)</u>  <u>Sek: (Viċi)</u>

## 40.04 Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ta' nofs is-sena u Approvazzjoni tar-rapport Annwali (2020) tal-Awditur

40.04.01 Għal din it-taqsima ngħaqdet magħna s-Sa Doreen Mintoff (l-accountant tal-Kunsill), fejn tat rendikont u spjegazzjoni, dwar ir-rapport finanzjarju ta' nofs is-sena. Fost punti li qajmet kienu:

- €3,200.00 tal-Animal Welfare
- €17,000.00 tal-irrigation system, fi Ġnien l-Indipendenza
- €38,000.00 (capital grant tal-2019) marbut mal-Bajja s-Sabiħa

- €2,616.00 tal-librerija pubblika

Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

Prop – Il-viċi Sindku Sek: (AC)

40.04.02 L-accountant fehmet lil membri tal-Kunsill, li kien hemm bżonn li jsiru xi aġġornamenti, bħal ri-allokazzjoni tas-Sindku, il-pre-payment tal-insurance (tħallas fl-aħħar), kif ukoll is-somma ta' 'l fuq minn €21,000.00 (tad-Dimbros). Filwaqt li sar profit ta' €71,895.00.

Il- Kunsill approva dan ir-rapport finali.

Prop – (MM) Sek: (DP)

## 40.05 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

40.05.01 (SE) ippreżentat il-kwotazzjonijiet relatati:

1. Kwotazzjoni għal xiri ta' letterheads u stickers – il-Kunsill qabel li għandna nipproċedu bl-orħos prezz, mingħand Sunland Printers @ €70.80 (VAT ink.) – kwantità 500.

2. Kwotazzjoni għal servizz ta' Data Protection Officer (DPO) – Il-Kunsill ġie mgħaraf li r-Reġjun ta' Nofsinhar, ser ikun qiegħed jimpjega (DPO) u għaldaqstant, (SE) intalbet, biex tagħmel kuntatt u tikkonferma. Madankollu, sakemm inkitbu dal-Minuti, l-uffiċċju rċieva risposta mir-Reġjun, li huma jagħmlu użu minn DPO li huwa inkaġġat mit-Tribunal Reġjonali. F'dan l-istadju, il-Kunsill irrid jieħu deċiżjoni.

3. Kwotazzjoni għal xiri ta' sunblock, għall-ħaddiema tal-komunità – Il-Kunsill approva d-ditta Vichy 300ml, bi prezz ta' €20.50 l-wieħed, mingħand Martins Pharmacy.

4. Land Survey (Triq it-Trunċiera) – Il-Kunsill qabel li dan is-survey, m' hemmx bżonn li jsir.

5. Land Survey (Gov. H.E) – Il-Kunsill qabel li dan is-survey, m'hemmx bżonn li jsir.

6. Bankijiet mingħajr dahar għal basket ball court – Il-Kunsillier Stivala ser ikun qiegħed jara l-kwotazzjonijiet li ntbagħtu mill-uffiċċju u jikkonsulta mal-kumplament tal-Kunsill, lima mudell/i huma l-aħjar li jiġu ordnati.

7. Bins għal basket ball court - Il-Kunsillier Stivala ser ikun qiegħed jara l-kwotazzjonijiet li ntbagħtu mill-uffiċċju u jikkonsulta mal-kumplament tal-Kunsill, lima mudell/i huma l-aħjar li jiġu ordnati.

8. Dawl tal-carpark (Wied il-Buni) – Il-Kunsill approva (Option 2).

9. Kwotazzjoni għal cat shelters – Il-Kunsill talab, sabiex l-uffiċċju jġib żewġ kwotazzjonijiet, fuq l-istess mudell u amla.

## 40.06 Mozzjonijiet/ Rakkomandazzjonijiet

40.06.01 Il-viċi Sindku ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu, fuq il-kuntratt tal-knies, li ġie mġedded awtomatikalment f' Lulju. Hu stqarr li l-erba' snin tal-kuntratt, jiskadu f'Lulju tas-sena 2022. Jekk jinbeda l-proċess tat-tender il-ġdid, fil-bidu tas-sena, il-kuntrattur li jirbaħ dan it-tender, jibda fi żmien kruċjali tas-sajf. Għaldaqstant, issuġġerixxa li (MM) tilħaq tara l-emendi neċessarji għal tender ġdid, filwaqt li tibgħat emajl internament lil kunsilliera, b'dawn l-emendi, sabiex il-publikazzjoni ssir f' Ottubru, 2021. Il-Kunsill qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni.

## 40.07 Komunikazzjoni mill-eks Sindku

40.07.01 L-eks Sindku tkellem fuq il-kuntrattur tal-ġonna, u ġibed l-attenzjoni li l-palm wasal biex jinżabar. Il-viċi ġibed l-attenzjoni wkoll, li hemm palm mhux miżbur u li huwa perikoluż, fil-bandli. (SZ) ġibed l-attenzjoni li fi Ġnien Indipendenza, l-ispeċi tal-awrikarja hemm bżonn li jsirila sapport, minħabba li qiegħda tmil.

40.07.02 L-eks Sindku tkellem ukoll fuq il-kajjik li baqa' fuq il-moll ta' San Ġorġ. (SZ) qal li hemm bżonn li jinġib il-kuntrattur tal-iżgombru u jneħħi wkoll xi vetturi li jinsabu abbandunati. (SE) ser tagħmel kuntatt mal-kuntrattur.

40.07.03 L-eks Sindku tkellem fuq il-quddiesa tal-festa, kemm kienet sabiħa. Madankollu, maqdar il-ħmieġ tal-ħamiem li hemm fuq il-lavur. Huwa qal li hemm bżonn li jinġib bowser tal-ilma u jaħslu. (SE) ġibdet l-attenzjoni li dak ma jaqax fil-kompitù tal-Kunsill, iżda propjetà tal-Kurja. Madankollu, il-Kunsill ma qabilx ma' (SE) u ntalbet sabiex, ġaladarba issa l-kummissarju tal-annimali nbidel, terġa' tikteb lil kummissarju l-ġdid u tikkonferma jekk it-tweġiba ta' qabel għadhiex tgħodd. (AC) tkellem fuq il-laqgħa li kien attenda, tal-AKL. Huwa spjega li ntqal li ġie ssuġġerit li għandu jingħata l-awrofak, biex jitnaqqas.

40.07.04 L-eks Sindku tkellem ukoll fuq xi lmenti bejn il-piċċ tal-boċċi u l-lukanda fil-qarib. Huwa spjega li hemm biċċa tarmak, u li din, baqgħet ma saritx. Il-viċi fakkar li lejn l-aħħar t' Awwissu, ser ikollna idea dwar il-proġett ta' Wied il-Buni. Madankollu, l-eks Sindku, għal darba oħra reġa' żamm mal-fehma tiegħu li l-Kunsill m'għandu qatt japplika għad-devoluzzjoni ta' din l-art. (AC) ser iġib kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur għal tarmak jew konkos.

40.07.05 L-eks Sindku talab lil (SE) li ġaladarba issa l-Enemed spiċċaw u l-bowsers m'għadhomx jgħaddu minn Dawret il-Qalb Imqaddsa, terġa' tikteb lis-CEO ta' Infrastructure Malta u titolbu aġġornament meta beħsiebhom jagħmlu din it-triq.

40.07.06 L-eks Sindku faħħar ix-xogħlijiet li qegħdin isiru fuq il-piċċ tal-basketball. Madankollu, wera l-opinjoni tiegħu li l-bieb ma kellux jibqa' fin-nofs. (CS) wieġeb li dak il-bieb

ser jingħalaq, filwaqt li l-perita għandha tinżel fuq il-post minħabba l-culverts. Il-viċi indika li dan il-piċċ huwa 3 x 3, u li huwa Olympic Standard.

## 40.08 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

40.08.01 (SE) spjegat lil membri kollha tal-Kunsill, li l-eks Sindku ta r-riżenja tiegħu, fil-ġurnata ta' qabel u għaldaqstant, minn għada ser tibda l-proċess meħtieġ. Il-Kunsill talab lil (SE) sabiex tgħaddilhom kopja ta' din l-ittra.

40.08.02 (SE) spjegat kif l-uffiċċju rċieva ittra mill-Awtorità tal-Artijiet, fuq art li hija d-dikjarata bħala Playing Field, fi Triq Santa Katerina. Il-viċi Sindku talab li jiġi skużat, minħabba li din l-art tappartjeni lil familjari tiegħu. Però qabel ma ħareġ mill-kamra ddikjara li bħala Kunsill dejjem kien hemm qbiel li din l-art tingħata lil Komunità, bħalma jidher ċar fl-emajl li kienet intbagħtet fl-2014. (SZ) stqarr li jidher li hemm xi diffikultà bejn l-Awtorità tal-Artijiet u s-sidien ta' din l-art, u qed jipprovaw idaħħlu l-Kunsill fin-nofs.

## 40.10 Sitwazzjoni latrini, Wied il-Buni u San Ġorġ

40.10.01 Il-viċi spjega kif wara numru ta' lmenti li konna qegħdin nirċievu, riċentament sar il-varjazzjoni fuq it-tender, f'dak li għandu x' jaqsam mas-siegħat tal-preżenza tal-attendant. (MM) fakkret li minħabba li tneħħew ix-showers minn fuq il-Bajja ta' San Ġorġ, minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid 19, kulħadd spiċċa juża l-latrina. Fil-latrina ta' San Ġorġ, b' mod speċjali, hemm bżonn ta' aġġornament qawwi. Il-viċi kompla jgħid li wara diskussjoni li kellhom mal-kuntrattur, jidher biċ-ċar li l-latrina ta' San Ġorġ, hemm bżonn li tinbidel. Dan jista' jsir, permezz ta' kuntatt mal-Awtorità tar-Turiżmu (MTA), kif ukoll permezz ta' fondi tat-Tourism Fund, min-naħa tal-Qasam tal-Gvern Lokali. Għaldaqstant, il-viċi talab lil (AC) sabiex jitlob stima, ħalli jkollna direzzjoni tal-ispiża. Fir-rigward tal-latrina ta' Wied il-Buni, minħabba li ser isir il-proġett, mhux vjabbli li wieħed jagħmel l-ispejjeż.

## 40.10 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

40.10.01 (SZ) ippreżenta tliet pjanti għal tliet possibilitajiet differenti.

<u>Possibilità (1)</u>

Triq il-Kartaġiniżi tiġi tispara lejn Triq San Edwardu 'l fuq lejn Triq il-Gurgħien. Triq il-Ħaruf u Triq l-Arzella, huma diġà One Way. (JB) ta l-fehma li ma ssirx issa, minħabba li hemm binja u taf issir dalwaqt. (SZ) spjega kif f' dawk l-inħawi diġà hemm żewġ accident hotspots: Junctions Triq il-Kartaġiniżi, kif ukoll Junctions Triq San Franġisk.

<u>Possibilità (2)</u>

Triq San Ġwann tiġi 'l isfel, jiġifieri li tinbidel id-direzzjoni. Triq il-Kartaġiniżi tmur lejn Triq il-Port Ħieles, Triq San Franġisk Saverju, ma jaqsam ħadd, iżda jibqgħu jduru 90°.

Possibilita (3)

Triq San Ġwann, ma jaqsam ħadd, iżda wieħed irid idur 90°. Dan biex neffitaw il-problema tal-high way. (JB) ma qabilx, għaliex stqarr li dik hija main road. (SZ) issuġġerixxa li trid issir konsultazzjoni, filwaqt li l-eks Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob parir mingħand l-Awtorità tat-Trasport.

Għaldaqstant, ġie mifthiem li d-data għal konsultazzjoni pubblika isir il-Ħamis, 2 ta' Settembru. (SZ) għandu jibgħat id-dettalji kollha meħtieġa lil (SE), biex torganizza din il-laqgħa.

40.10.02 Il-viċi tkellem kif innota li waqt il-festa, kemm il-pubbliku għamel użu mill-parkeġġ tal-bitħa tal-iskola. Madankollu, issuġġerixxa li l-bitħa ma tingħalaqx fil-ħdax, iżda f' nofsillejl. (SE) ser tistaqsi lil min jieħu ħsieb jiftaħ u jgħalaq, u taġġorna lil Kunsill.

40.10.03 (JBD) stqaret ma' (SZ) li fil-leġislattura ta' qabel kien ħa ħsieb li jibgħat ittri lir-residenti tal-Qajjenza, biex jipparkjaw quddiem il-garaxx, fil-kaxxa s-safra. (SZ) wieġibha li jekk taf b' xi każijiet li mhumiex ġustifikati, il-Kunsill jistaqsi lill-Awtorità tat-Trasport, jekk tafx bihom. Għaldaqstant, il-viċi staqsa lil (SZ) x' deċiżjoni ser tittieħed. (SZ) wieġeb li fl-eżerċizzju li kien sar qabel, konna kkonfermajna viżwalment u l-Kunsill ħa d-deċiżjoni.

Il-ħin sar 20:18 – peress li għaddew tliet siegħat, għaliexbdejna kwarta tard, iċ-ċermen talab għal estenzjoni ta' 30 minuta.

Il-Proponent kien (AC) Sekondat minn (JBD)

## 40.11 Proġetti u skemi

40.11.01 (SZ) ta aġġornament fuq Miżura numru (4) li titratta l-manutenzjoni ta' Ġnien il-Kunsill, fejn fiehem li t-tender ġie approvat, filwaqt li qegħdin nistennew il-garanzija bankarja, min-naħa tal-kuntrattur.

40.11.02 (SZ) ta aġġornament ukoll fuq Miżura numru (1), li titratta r-restawr tal-pittura tas-Sagra Familja. Huwa spjega li l-kuntratt bejn il-Kunsill u l-GALXLOKK, ġie ffirmat u diġà rċevejna żewġ kwotazzjonijiet. Madankollu, għad irrid ikollna kopja tal-kuntratt, biex inkunu nistgħu nipproċedu.

40.11.03 (MM) tkellmet fuq l-iskema tal-Urban Squares. Il-postijiet li għażel il-kunsill kienu: Pjazza San Ġorġ Preca (ħdejn il-ground) u l-area ta' San Ġorġ (quddiem ir-restuarant). Hija spjegat kif waqt laqgħa li kellha ma' Ambjent (Malta), din iż-żona stmata li tiġi tiswa €35,000.00. Madankollu, Parks (Malta) ser ikunu qed jirrimborsjaw is-somma ta' €17,500.00. Parks (Malta) ser ikunu qegħdin jassistu, sabiex id-differenza, il-Kunsill ikun jista' jitlobhom/ jagħmel użu mill-Planning Development Fund.

40.11.04 (MM) tkellmet ukoll fuq il-versjoni emendata tal-MoU marbuta ma' Ġnien Indipendenza. Ħafna kunsilliera kkonfermaw li ma kinux għadhom qraw id-dokument u talbu għal aktar ħin. (SE) fakkret ukoll, li l-aħħar estenzjoni min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern

Lokali, tindika li l-proġett tal-irrigation system, irid jilħaq jiġi implementat sal-aħħar ta' din is-sena, inkella l-fondi marbutin, jintilfu. Il-viċi ġibed l-attenzjoni ta' (MM), minħabba li l-qofol tax-xogħlijiet qegħdin imsemmijin li ser ikunu qegħdin isiru matul it-tieni sena. (MM) wieġbet li dan ser iseħħ hekk, minħabba l-fondi.

## 40.12 Indafa u ambjent

40.12.01 (SZ) talab lil (MM) jekk kienx hemm aġġornament fuq it-talba, sabiex il-ġbir tal-borża l-griża ssir darbtejn f' ġimgħa. (MM) ser tfittex il-korrispondenza li kienet intbagħtet lil WasteServ u taġġorna lil Kunsill. Ġie ssuġġerit li jekk ikun hemm il-possibilità li l-ġabra tal-borża s-sewda ssir darbtejn f' ġimgħa, is-Sibtijiet waranofsinhar, ikunu ideali.

40.12.02 (MM) tkellmet fuq il-bżonn tas-CCTVs fuq diversi Ibins, bħal Dawret il-Qalb Imqaddsa, Triq FM Ferretti, Triq tal-Papa u Triq Gandofla. Il-viċi ssuġġerixxa li magħhom ikun inkluż ukoll iċ-Ċentru Ċiviku ta' Ħal Far, minħabba li fil-fehma tiegħu, dak jappartjeni ma' Birżebbuġa. Madankollu, (JB) ma qabilx mal-fehma tiegħu, u kompla jinsisti li jappartjeni maż-Żurrieq. Għaldaqstant, (SE) ser tibgħat talba lil GreenPak, għal dawn is-CCTVs.

40.12.03 (JBD) tkellmet fuq il-kantuniera, fi Triq il-Kitarristi, ħdejn il-pillarbox. Sfortunatament, in-nies qegħdin iħallu l-boroż taż-żibel u ssuġġerit li jitqegħdu xi qsari, filwaqt li tingħata ħasla power wash. (MM) fakkret li f'din iż-żona diġà kien hemm żewġt iqsari, iżda kellhom jitneħħew, minħabba li kienu qegħdin jarmu ż-żibel fihom. (MM) issuġġerit biex tiċkien il-bankina. (SZ) tal-opinjoni li l-ewwel li għandu jsir, huwa, edukazzjoni lin-niesħandu , imbagħad għandu jkollna ħaddiem tal-Kunsill assenjat speċifikalment, f'dik iż-żona. (MM) qalet li din il-proposta hija diffiċli li ssir. (SE) spjegat li waqt laqgħa mal-gwardjani lokali, wieħed minnhom staqsieha jekk il-Kunsill huwiex interessat li jingaġġa Green Wardens. Madankollu, fuq esperjenza tal-imgħoddi, il-Kunsill, ma qabilx ma' din il-proposta.

L-eks Sindku talab liċ-ċerman u lil membri tal-Kunsill, biex ikun indispost fit-20:34.

40.12.04 (JBD) tkellmet ukoll fuq skip fil-Qajjenza. Kemm (MM), kif ukoll (SE) wieġbu li qegħdin jaħdmu fuqha, mal-Awtoritajiet konċernati.

## 40.13 Attivitajiet

40.13.01 (DP) tkellmet fuq l-iskema tal-qtates, u kif ser ikunu qegħdin jitqassmu l-pakketti, is-Sibt ta' dik l-istess ġimgħa, lil cat feeder irreġistrati. (SZ) ssuġġerixxa lil (DP), sabiex mal-pakkett tingħata ittra biex tiġi ffirmata mill-applikant, li jiddikjara li ser ikun qiegħed iżomm iż-żona ta' fejn jgħalfu, nadifa. (SE) talbet lil (DP) biex tiddraftja l-ittra u tgħaddihielha għal ipproċessar.

40.12.02 (DP) tkellmet ukoll fuq it-tabelli tal-qtates. Ġaladarba t-tabelli qegħdin għand il-Kunsill, fil-ġranet li ġejjien, dawn ser jitwaħħlu: Triq Ferretti, aktar 'l fuq lejn il-grada tal-gass

(inti u dieħel lejn Birżebbuġa), faċċata tal-għassa tal-pulizija, qabel l-Abandoned Animal Association (AAA) u ħdejn il-Cat Cafè.

40.12.03 (JBD) fakkret li diġà nfetħu l-applikazzjonijiet għal Jum Birżebbuġa, fejn diġà rċevejna sitt applikazzjonijiet.

## 40.14 Kultura, żgħażagħ u sport

40.14.01 (CS) fakkar li fis-seduta preċidenti waqt id-diskussjoni l-Kunsill tkellem fuq fornitur li jinżel bil-vann, fuq il-Bajja s-Sabiħa. (CS) tal-opinjoni jew kulħadd, jew ħadd. (AC) wieġeb li l-oħrajn għandhom jibgħatu applikazzjoni lil Kunsill, imbagħad il-Kunsill jiddiskuti l-applikazzjoni tagħhom ukoll. (SZ) kompla jgħid li fuq każ wieħed, diġà kien hemm permess irrifjutat mill-Awtorità tal-Ippjanar, u saħansitra, anke kien ġie rrifjutat, permezz ta' appell. (SZ) qali li hu fiż-żgur li, fuq ir-ramel, wieħed għandu bżonn permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, filwaqt li meta lil dan il-fornitur tlabnieh biex iġib il-permessi, dan ma ġabhomx. (AC) fakkar li l-post, il-Kunsill kien approvahulu. (SE) ser tagħmel kuntatt miegħu u titolbu kopja tal-permessi li għandu fi ħdanu u tibgħathom lil kunsilliera.

40.14.02 (CS) tkellem fuq inċidenti fuq il-Bajja s-Sabiħa, fosthom kif restuarant, fil-weekend tal-festa ħareġ l-imwejjed ħdejn it-teatru Grieg, u sa ma waslu l-pulizija, kien tard wisq. L-inċidenti li saru fil-piċċ tal-basketball, jirriżulta li hemmx sorveljanza biżżejjed. (SZ) fiehem li l-pulizija tal-komunità, mhumiex preżenti l-ħin kollu, filwaqt li (JBD) fakkret li l-Kunsill kien diġà ressaq it-talba tiegħu lil Ministru tal-Intern, għal aktar solveljanza fil-Bajja s-Sabiħa.

40.14.03 (CS) talab l-approvazzjoni tal-Kunsill, minħabba li sar booking mill-Beach Volleyball Association, għal 21 t' Awwissu. Madankollu, irċevejna talba sabiex isir tournament tal-Hand Ball, li ser ikun mifrux fuq l-istess weekend. (CS) spjega kif fl-opinjoni tiegħu, il-Beach Volleyball Association, tagħmel użu frekwenti minn dan il-piċċ, u għaldaqstant talab l-approvazzjoni tal-Kunsill, sabiex il-booking jiġi mwaqqa' u minflok tingħata opportunità, biex isir il-Handball Tournament. Il-Kunsill approva din it-talba. Fuq dan l-istess punt, (CS) talab, sabiex minn Settembru jinħoloq bord, ħalli l-Kunsill jibda jkollu linja gwida. Huwa spjega kif il-piċċ huwa branded u magħluq, minħabba kif kien ġie ordnat mid-dipartiment tas-saħħa, inkella jkollu jingħalaq bil-katnazz. (CS) qal li l-Kunsill għandu jressaq it-talba tiegħu, sabiex fil-lokalità, isir tennis court, għad-domanda tan-nies. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

## 40.15 Materji oħra, li mhumiex imsemmija hawn fuq

40.15.01 (CS) ressaq it-talba lil Kunsill, sabiex issir blokka kbir tal-konkos, bejn il-pont tax-shell u Shortly Bar. Dan il-għaliex, qegħdin jidħlu l-vetturi. Il-Kunsill approva din it-talba.

40.15.02 Iċ-ċermen aġġorna lil Kunsill li ġie avviċinat mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika, li huma interessati li jagħmlu berġa ġdida fil-lokalità, u għaldaqstant, talbu sabiex isir meeting biex jaraw x' hemm bżonn li jsir. Madankollu, (SZ) qal li din hi problema li għandhom jaraw u jsolvu huma.

## 40.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

40.16.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-disgħa u għoxrin minuta. Il-Kunsill qabel li s-seduta (41) issir nhar it-Tlieta, 14 ta' Settembru, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar, ġewwa l-binja tal-Kunsill. Minħabba li ser ikun hemm distanza ta' sitt ġimgħat, peress li ħafna mill-membri ser ikunu indisposti, iċ-ċermen qal li nistgħu nagħmlu oġġezzjoni/ ġustifikazzjoni.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | _________________________ |
| Scott Camilleri | Rosalie Mintoff |
| Viċi Sindku | Segretarju Eżekuttiv |